

32006R0242

11.2.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 40/7

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 242/2006**tal-10 ta' Frar 2006****li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana¹, u partikularment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-merkanzija msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija bbażata, totalment jew parzjalment fuq in-Nomenklatura Magħquda jew li żżid magħha kwalunkwe suddiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ tal-oġġetti.
- (3) B'konformità ma' dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandha tiġi kklassifikata taħt il-kodiċi NM indikata fil-kolonna 2, minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna 3.
- (4) Huwa xieraq li jiġi stipulat li t-tagħrif tariffarju li jorbot u li jkun inħareġ mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda imma li mhuwiex konformi mar-Regolament jista', għal perjodu ta' tliet xhur, ikompli jiġi invokat mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-

¹ ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2175/2005 (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 9).

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità².

- (5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2.

Artikolu 2

L-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista' tibqa tiġi invokata għall-perjodu ta' tlett xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fl-10 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni

László KOVÁCS

Membru tal-Kummissjoni

² ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

ANNEX

Id-deskrizzjoni tal-merkanzija	Il-klassifikazzjoni (Il-kodiċi tan-NM)	Ir-raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Taħlita tal-ikel magħmula minn trab tal-kawkaw u zokkor (% bl-użin):</p> <p>Iz-zokkor 99,5 sa 99,7</p> <p>It-trab tal-kawkaw ikkalkulat fuq bażi għal kollox nieqsa mix-xaħam 0.2 sa 0.4</p> <p>Il-prodott hu f'forma ta' kristalli li jagħtu fil-kannella. Jintuża u jinbiegħ bħala zokkor.</p>	18061090	<p>Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 sa 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda bin-Nota 2 tal-Kapitolu 18 kif ukoll bil-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 1806, 180610 u 18061090.</p> <p>Il-prodott ma jistax jiġi kklassifikat fil-Kapitolu 17 minħabba li l-kontenut tat-trab tal-kawkaw jista' jiġi skopert permezz ta' analiżi kimika.</p> <p>Il-prodott hu preparazzjoni tal-ikel li fih il-kawkaw (Nota 2 tal-Kapitolu 18).</p>